# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM IL-ĦAMIS, 21 TA' FRAR 2019

**Kawża Nru: 9**

**Rikors Revoka Nru: 1290/18 RGM**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2042/18 fl-ismijiet**

**Charlette Ciantar**

**vs**

**Dr Katiucha Gatt Galea eżerċenti n-negozju taħt l-isem *Vets on Wheels***

**Il-Qorti,**

**Introduzzjoni**

Rat ir-rikors tas-sekwestrata Dr. Katiucha Gatt Galea ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2018 ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap 12 li permezz tiegħu ppermettiet u talbet is-segwenti:-

Fil-21 ta' Marzu 2018, ir-rikorrenti pprezentat ittra ufficjali kontra l-esponenti fejn allegat li l-esponenti, bhala veterinarja li kienet tat kura lil ziemel tat-tigrija maghruf bhala *Super Otto*, kienet responsabbli ghall-mewt taz-ziemel minhabba li allegatament agixxiet b'imperizja u b'negligenza. Iz-ziemel kien miet fis-6 ta' Mejju 2016. Il-mewt taz-ziemel sehh kwazi sentejn qabel l-ittra ufficjali.

L-esponenti irrispondiet ghal din l-ittra ufficjali fit-30 ta' April 2018 fejn cahdet kategorikament l-allegazzjonijiet li saru. Kien hemm diversi tentattivi sabiex din l-ittra tigi nnotifikata lir-rikorrenti, izda dawn ma kinux ta' success (kopja ta' dawn l-ittri qed jigu annessi bhala Dok 'A' u Dok 'B').

Ghat-tmien xhur li segwew wara l-ittra tal-21 ta' April 2018, ir-rikorrenti ma hadet l-ebda passi ohra fil-konfront tal-esponent u lanqas ikkomunikat mal-esponent dwar il-pretenzjoni taghha. Imbaghad, minghajr ebda preavviz iehor, fit-18 ta' Dicembru 2018, ir-rikorrenti ddecidiet taghmel mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ammont ta' €43,921, liema mandat gie nnotifikat, fost ohrajn, lil diversi istituzzjonijiet bankarji. Flimkien mal-mandat kawtelatorju, saret il-kawza fil-mertu. Ghaldaqstant kien 'il fuq minn sentejn u nofs wara l-mewt taz-ziemel in kwistjoni, fi zmien il-festi, li r-rikorrenti ghazlu li jaghmlu l-mandat ta' sekwestru u l-kawza in kwistjoni. Mhux car ezattament x'wassal lir-rikorrent sabiex jintavola mandat ta' sekwestru issa, meta ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi tal-esponenti.

**Ir-ragunijiet ghat-talba tar-revoka**

L-esponenti qed tressaq dan ir-rikors fejn ser titlob li l-mandat kawtelatorju jigi rrevokat mhux biss l-ghaliex hemm garanzija xierqa ohra li ghandha tassigura lill-Qorti li f'kaz ta' ezistu pozittiv ghar-rikorrenti ser tigi

sodisfatta l-pretenzjoni tar-rikorrenti, izda ukoll ghaliex, fic-cirkostanzi, mhuwiex ragonevoli li l-mandat ta’ sekwestru jibqa’ in vigore.

“Ma ghandux jinhareg biex igib l-allegat debitur gharkubbtejh bid-dovut rigward ghad-drittijiet tal-allegat kreditur illi **jekk ikolli ndizju car li l-kreditu tieghu jista’ jigi eluz** (kif kien jinghad fir-rikorsi ghall-hrug taghhom antikament, u cioe qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista’ jitlob mizuri mahsuba mill-istess ligi biex jopprotegi d-drittijiet tieghu.”[1]

Il-mewt taz-ziemel sehh fis-6 ta’ Mejju 2016 u huwa issa biss li gew intavolati proceduri gudizzjarji mir-rikorrenti. Illi l-esponent hija veterenarja professjonista li ilha tipprattika l-professjoni taghha mis-sena 2006. Jigi sottomess li tali mandat li qed isir issa f’dawn iz-zminijiet tal-festi u iktar minn sentejn u nofs wara li miet iz-ziemel, qed isir kapriccozament u intenzjonat biss sabiex jistultifika u jfixkel lill-esponent fl-ezercizzju tal-professjoni taghha. Dan qed jinghad tenut kont tal-fatt li c-cirkostanzi tal-esponenti ma nbidlux f’dawn l-ahhar xhur, li hi ghadha tipprattika l-professjoni taghha u qed tahdem b’mod regolari u anke hija sid ta’ propjeta` taghha. Ma hemm xejn li seta’ ta’ xi hjiel lir-rikorrenti li l-pretenzjoni taghha ma kinitx ser tigi sodisfatta. Ghalhekk huwa umilment sottomess li l-mandat ta’ sekwestru li sar mhux ibbazat fuq ebda biza ragonevoli li l-pretenzjoni tar-rikorrent, jew tirrizulta fondata, mhix ser tithallas. Addizjonalment, u minghajr pregudizzju, kif ser jirrizulta fil-paragrafi li ser isegwu, l-esponenti hija koperta b’polza ta’ assikurazzjoni.

**L-esponent hija koperta minn polza ta’ assikurazzjoni**

L-esponenti hija koperta b’polza ta’ assikurazzjoni numru CA7735A15RAA minn Markel International Insurance Company Limited (“**Markel”**). Din il-polza tal-assikurazzjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C. Meta giet innotifikata bil-mandat ta’ sekwestru hi nnotifikat lill-Markel.

[1] General Company Limited vs Kunsill Lokali tal-Mosta deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Frar 2010. Emfazi mizjuda mill-esponent

Markel ikkonfermaw li min-naha taghhom ikkonfermaw li din il-*claim* hija wahda koperta mill-polza tal-assikurazzjoni u addizjonalment qalu s-segwenti:

*"We as insurers intend to make good to pay any sums ordered by the court as damages should be plaintiff be successful in the proceedings and we will cover our insured's exposure, if any, at the end of the claim."*

Kopja ta' korrispondenza permezz ta' email lill-avukat sottoskritt u dikjarazzjoni qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok D.

Fl-24 ta' Dicembru 2018, saru diskussjonijiet mal-avukat tar-rikorrenti permezz ta' liema r-rikorrenti giet infurmata li Markel kienet ser tiehu hsieb hi d-difiza ta' din il-kawza kif ukoll ser taghmel tajjeb hi ghal kwalunkwe danni li jigu llikwidati mill-Qrati fil-kawza fil-mertu li saret mir-rikorrent. Ghaldaqstant it-talba min-naha tal-esponenti u ta' Markel kienet li jsir kontromandat minhabba l-assigurazzjoni li qed tinghata li kwalunkwe danni ser jithallsu minn Markel. Madankollu, l-esponenti giet infurmata llum li r-rikorrenti ma kinitx komda jaghmlu l-kontromandat u dan minghajr ebda spjegazzjoni jew raguni valida.

Illi ghalhekk, l-esponent ma kellhiex ghazla ohra hlief li tipprezenta dan ir-rikors. Id-dikjarazzjoni li saret minn Markel kif ukoll il-polza tal-assikurazzjoni (it-tnejn annessi) juru bic-car li ma hemm l-ebda riskju li kwalunkwe danni likwidati mill-Qorti fil-kawza fil-mertu jistghu jigu eluzi.

**It-talbiet**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, jew min minnhom, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex:

(a) Fic-cirkostanzi, tordna illi provvizorjament u pendenti l-ezitu ta’ dan ir-rikors, is-sekwestrarji ma jghaddux ghad-depozitu tal-fondi tal-esponent u dan b’notifika l-istess sekwestratarji, u/jew

(b) Takkorcja t-terminu stabbilit fl-artikolu 836(3) tal-Kap 12 sabiex tkun tista’ tiddeciedi dan ir-rikors fi zmien akkorcjat; u/jew

(c) Thassar u tirrevoka dan il-mandat ta’ sekwestru numru 2042/18 abbazi tal-artikolu 836 (1) (c) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

(d) Tikkundanna lir-rikorrenti thallas il-massimu tal-penali abbazi tal-artikolu 836(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-intimata sekwestranti Charlette Ciantar ppreżentata fit-22 ta’ Jannar 2019 li taqra hekk kif ġej:

1. "L-esponenti ma ghandha l-ebda xewqa li b’xi mod ixxekkel il-hajja tal-esponenti (recte: s-sekwestrata) jew l-ezercizzju tal-professjoni taghha, biss trid sempliciment tikkawtela l-pretensjonijiet taghha f’kaz illi l-kawza minnha prezentata jkollha ezitu pozittiv. Il-bazi legali tal-ezistenza tal-mandat ta’ sekwestru huwa illi jaghti garanzija cara ta’ ezekuttibilita` f’kaz illi l-kawza tintrebah, u min ikun ghamlu ma jsibx xkiel biex is-sentenza minnu ottjenuta tigi msarrfa b’mod effettiv; tant fil-fatt illi l-ligi taghti l-fakulta` lill-parti rebbieha titlob il-konversjoni ta’ dak il-mandat minn wiehed kawtelatorju ghal wiehed ezekuttiv, biex dawk il-flejjes illi hija tkun qed titlob illi jigu frizati, ikunu jistghu jigu zbankati, in linea mas-sentenza. Di fatti, f’dan il-kaz, il-mandat halla l-effetti mixtieqa, tant fil-fatt li s-somma illi l-esponenti talbet li tigi kawtelata, jidher illi giet depozitata diga taht l-Awtorita` ta’ din l-Onorabbli Qorti, u llum, l-ezekutanta ghandha s-serhan tal-mohh illi f’kaz li l-kawza taghha jkollha ezitu pozittiv, hija tkun tista’ tithallas. Tabilhaqq, bis-sitwazzjoni kif inhi, l-ezekutata tista’ tirtira dan ir-rikors, u kemm sempliciment tressaq talba semplici biex il-mandat jigi revokat stante illi l-ammont kawtelat illum jinsab depozitat, b’dana

naturalment illi l-ammont hem depozitat jinghata lil dik il-parti li fl-ahhar tal-kawza, ikollha l-jedd illi tircevih.

2. L-esponenti tapprezza l-posizzjoni meta tghid illi hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni; biss ma taqbilx mal-ezekutata illi l-allegata ezistenza ta' polza ta' assigurazzjoni ssarraf f'garanzija fl-istess livell ta' mandat ta' sekwestru, anke meta hemm id-dikjarazzjoni (ittra tal-allegat *claims adjuster*, aktar minn xejn) esebieta mar-rikors odjern. L-ewwel nett, l-esponenti ma ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta` assigurattrici, u allura bl-ebda mod ma tista' taghmel xi haga biex torbot lil din tal-ahhar thallas fuq obligazzjoni illi hija ghandha ma' haddiehor (l-ezekutata), partikolarment in vista tal-posizzjoni gurisprudenzjali illi f'kaz ta' din ix-xorta, rikorrenti ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` assigurattrici ta' dak li jkun responsabbli ghad-danni sofferti.

3. Barra minn hekk, lil hinn mid-domandi dwar l-awtenticita` o meno ta' dik l-ittra, jibqa' l-fatt illi l-mandat ta' sekwestru huwa intimament marbut mal-kawza, u jaghti ghodda ta' ezekuttibilita` skont il-ligi bil-mezzi spjegati hawn fuq, filwaqt li l-ittra tal-agenzija tal-assigurazzjoni tista' fl-aqwa ipotezi titqies bhala skrittura privata separata ghal kollox mill-kawza bejn il-partijiet, li fl-ahjar ipotezi, tista' sservi ta' prova tal-intenzjonijiet taghha. Certament huwa illi taht l-ebda ligi procedurali ma jista' jinghad illi dik is-semplici dikjarazzjoni toffri garanzija daqs il-mandat ta' sekwestru, anke 'l ghaliex ma tezisti l-ebda ghodda effettiva li tghin issarraf din l-ittra fi dritt ezekuttiv, bl-istess heffa u effikacja tal-mandat ta' sekwestru. Huwa tabilhaqq minnu illi dik id-dikjarazzjoni tista' potenzjalment isservi ta' prova, izda tkun prova li ghad trid tigi moghtija s-sahha ta' sentenza tal-Qorti bi proceduri addizjonali. Ghaliex jekk potenzjalment il-mandat jitnehha, l-esponenti tirbah il-kawza kontra l-ezekutata u l-polza tal-assigurazzjoni ma thallasx, x'soluzzjoni jew soljev ghandha l-esponenti? Certament l-esponenti ma tkunx tista' tmur ixxejjer dik l-ittra u tippretendi illi ttiha d-dritt tezercita xi jedd ezekuttiv, izda jkollha ghal darb' ohra, tiftah kawza ohra, tuza dik l-ittra bhala prova, tikkonvinci lill-Qorti illi dik tohloq

relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta` assiguratrici fejn din ma tezistix, u b'xi mod iggib sentenza biex tiehu l-istess effett li prezentement, qieghed itiha l-mandat odjern. Dan ikun aktar u aktar ikkumplikat meta t-terza parti (is-socjeta` assiguratrici) hija socjeta` estera, b'sede u assi barra minn Malta. Kif jista' dan qatt jitqiex bhala garanzija xierqa ohra ghall-htijiet tal-artikoli 836 (c) u (e) tal-Kapitolu 12?

4. B'kull rispett, mandat ta' inibizzjoni (recte: sekwestru) ma jistax jitnehha abbazi tal-assunzjoni illi socjeta` assiguratrici hija "serja" jew illi "dejjem thallas" Asserzjonijiet f'dan is-sens ma jaghtu l-ebda serhan il-mohh f'livell legali. L-ebda presunzjoni f'dan is-sens ma taghti komfort legali ekwivalent ghal depozitu fil-Qorti tal-flejjes pretizi tramite l-mandat. Bl-istess mod, dan il-kaz ma jista' bl-ebda mod jigi mxebbah ma' kazijiet komuni fejn isehh incident fit-triq, ghaliex f'dak il-kaz, hija l-ligi stess illi tohloq certi obbligi fuq l-intimat- ara per ezempju l-artikoli 10(2) (a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawnhekk *si tratta* ta' sitwazzjoni fejn l-ezekutata tixtieq illi l-esponenti tigi rilaxxata mill-kawtela procedurali illi ttiha l-ligi, abbazi ta' ittra ta' impjegat ta' terzi u tistrieh ghal kollox fuq ir-rieda ta' dak it-terz jekk l-esponenti ma tithallasx.

5. L-esponenti lanqas tista' hija titlob illi tissejjah fil-kawza s-socjeta` assiguratrici- fl-ewwel lok, il-gurisprudenza tghid li talba bhal dik ghandha tigi michuda, minhabba li ma hemmx relazzjoni gudizzjarja bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` assiguratrici; u t-tieni, l-pretensjoni taghha hija kontra min hu responsabbli ghall-incident illi wassal ghall-ftuh tal-kawza. Tkun ferm irresponsabbli l-esponenti kieku hija kellha taqleb il-pretensjoni kontra terza kumpanija, abbazi ta' dikjarazzjoni illi bejnha u bejn l-intimata hemm relazzjoni kuntrattwali li maghha l-esponenti ma ghandha x'taqsam xejn. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni aktar u aktar diffikultuza 'l ghaliex is-socjeta` assiguratrici donnha ma tridx tippartecipa fil-kawza bhala intervenut skont il-ligi, u jidher illi l-ezekutata lanqas ghandha intenzjoni li ssejhilha hi. Jigifieri l-polza tal-assigurazzjoni f'dan l-istadju ghandha ezistenza separata mill-kawza, u f'kaz ta' ezitu posittiv ghall-esponenti, il-

hlas lilha jiddependi mill-buona volonta` ta' socjeta` estera li dwarha l-esponenti ma taf xejn.

6. Jibqa' ghalhekk il-fatt illi la l-kuntratt tal-polza esebit u lanqas l-ittra tal-*claim adjuster* tas-socjeta` assiguratrici ma toffri l-garanziji ezegwibbli illi joffri l-mandat ta' sekwestru. Hu x'inhu, dawk id-dokumenti sempliciment jaghtu lok ghal kawza ohra, jekk dik li nfethet diga jkollha success u l-intimata ma thallasx. Terga' anke f'dak il-kaz, l-esponenti ghandha dubju kemm kawza bhal dik tkun proceduralment korretta u li twassal ghal success.

7. Ma jista' qatt jinghad illi l-esponenti kienet b'xi mod traskurata jew ghaggelija meta hija intavolat il-mandat ta' sekwestru. Kif evidenti mid-dokumenti esebiti mill-ezekutata stess, hija ressqet il-pretensjoni taghha tmien xhur qabel intavolat il-mandat ta' sekwestru, permezz ta' ittra gudizzjarja (nru. 974/18). Fit-twegiba ghaliha (esebita mill-ezekutata stess bhala Dok B, rif 1479/18), l-ezekutata kemm sempliciment cahdet l-allegazzjonijiet, bla ma semmiet illi hija koperta b'polza tal-assigurazzjoni. Lanqas jidher illi hija mqar innotifikat formalment lis-socjeta` assiguratrici b'kopja tal-ittra gudizzjarja taghha.

8. Hija l-umili fehma tal-esponenti illi d-domanda li trid taghmel din l-Onorabbli Qorti hija: hemm garanzija ekwivalenti ghal dak li joffri l-mandat ta' sekwestru u d-depozitu konsegwenti? It-tifsira ta' "garanzija xierqa" ghall-finijiet tas-subartikolu (c) tal-artikolu 836 hija wahda li tkun ekwivalenti ghal dik li toffri l-ligi tramite l-mandati kawtelatorji. L-unika garanzija li tkun accettabbli tkun wahda li bhal mandat ta' ezekuttiv, taghti garanzija ezegwibbli. Min se jlum lill-esponenti jekk il-mandat jigi revokat, il-flejjes depozitati jigu zbankati, l-intimata tisfa bla fondi, u s-socjeta` assigurattrici ma thallasx? Min se jkun li jaghti l-komfort lill-intimata f'kaz bhal dan?

**Il-Qaghda Finanzjarja tal-Ezekutata**

9. Jinghad umilment illi l-fatt (imsemmi mir-rikorrenti fir-rikors taghha) illi l-mewt taz-ziemel sehhet fl-2016 ma jbiddel xejn mill-jeddijiet tal-esponenti illi tikkawtela l-pozizzjoni taghha, specjalment in vista tar-risposta xotta illi l-esponenti hadet minghand l-ezekutata meta hija ressqet il-pretensjoni taghha bl-ittra gudizzjarja. Huwa ghalhekk illi l-ligi tipprova ghat-termini preskrittivi, u anke ghal dawk hemm l-eccezzjonijiet. Terga' f'dan il-kaz lanqas qatt ma jista' jkun hemm kwistjonijiet ta' preskrizzjoni, mhux biss ghaliex il-preskrizzjoni hija wahda kwinkwennali, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, izda wkoll stante l-fatt illi kwalunkwe terminu preskrittiv li lahaq iddekorra gie interrot man-notifika tal-ittra gudizzjarja numru 974/2018, intavolat nhar il-21 ta' Marzu 2018.

10. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-ezekutata hija professjonista ma jezentahix milli tkun soggetta ghall-intavolar tal-mandati kawtelatorji. Il-ligi tal-procedura ma tharisx lejn l-ucuh, u l-esponenti ma tista' qatt tassumi jew iserrah rasha illi l-ezekutata hija solvibbli jew li ma hijiex qieghda tiffaccja pretensjonijiet minghand haddiehor, kemm professjonalment jew personalment. Huwa ghal kollox assurd illi jigi impikat illi b'xi mod l-esponenti ghamlet mandat kapriccjuz; hija sempliciment qed tutilizza l-ghodda fil-ligi biex tipprotegi l-interess taghha, ghaliex finalment, hija ma tafx minn xiex tiddisponi l-ezekutata. Tabilhaqq jinghad illi kien verament bzonn ghall-esponenti illi tikkawtela l-pozizzjoni taghha, u dan kif evidenti anke dak premess mill-ezekutata stess.

11. Min-naha l-ohra u minghajr pregudizzju ghal dan, l-istanti jhossu illi maghdud mal-premess, ikun bizzejjed li jaghmlu riferenza ghal dak li tenniet il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ta' ***Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd***, deciza fis-7 ta' Lulju 2004:

*Huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jiiqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala*

*konsegwenza jista jbati haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

*Tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta` nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza.*

12. Certament li f'dan il-mandat m'hemm l-ebda notorjeta`; il-mandat maghmul mill-esponenti kien wiehed validu, gust u meqjus, u li fuq kollox kellu jsir sabiex l-esponenti kemm jista' jkun jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom mill-possibbli tberbiq (u l-konsegwenti insolvibilita`) tal-ezekutati kif ukoll sabiex jevitaw kull tentattiv illi jispustjaw l-assi taghhom bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-esponenti u dan in linea ma' dak li gustament huwa dritt taghhom skont il-Ligi.

13. Imbaghad, l-effetti tal-mandat huma konsegwenza awtomatika u accettata ghall-ezistenza tieghu. L-iffrizar tal-kontijiet ma' jista' qatt iservi ta' argument ghat-tnehhija tal-mandat ghaliex huwa propju dak l-effett kawtelatorju accettat illi huwa jfittex li jkseb. Kif qalet il-Qorti Civili, Prim Awla fil-provvediment moghti fit-2 ta' Jannar, 2016 fl-ismijiet ta' ***Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et (MH)*** "*Certament ghalkemm att kawtelatorju ma jistax jkun jew isir b'intenzjoni li jivvessa, pero xorta mhux intiz li jaghti pjacir!"*. Kompliet illi *"Il-fatt li gie affettwat kont bankarju taghha huwa konsegwenza logika u legali tal-mandat innifsu mhux raguni tal-ilment kif minnha mressaq"*, u allura, certament dawn l-effetti ma jaghmilx raguni ghat-tnehhija tal-istess. Kienet fil-fatt il-Qorti

stess illi identifikat l-iskop tal-mandat fil-provvediment taghha moghti fit-23 ta' Ottubru, 2007 fil-kawza fl-ismijiet ***Bartholomeo Bonett et vs George Borg et (JRM)*** "*Ma jrid jintesa qatt li l-ghan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriza" l-qaghda sakemm il-kwestjoni tigi mistharga kif ghandu jkun fil-mertu."*

14. Jerga' jinghad illi jekk dak l-ammont depozitat il-Qorti kien tant devastanti ghall-ezekutata illi din giet mfixkla daqstant, allura kien aktar u aktar necessarju illi l-mandat jigi ntavolat, biex jigi evitat illi l-ammont kawtelat jintuza fuq hwejjeg ohra u l-ammont pretiz mill-esponenti jghib u jisfa mhux protett. Min-naha l-ohra, jekk il-qaghda finanzjarja tal-ezekutata hija tant tajba kif qieghed jinghad, seta' facilment l-ammont kawtelat jigi depozitat taht l-awtorita` tal-Qorti, u l-mandat jigi revokat hesrem, bla tfixkil. Setghet addirittura issa tirtira dan ir-rikors, u tipprezenta d-debitu kontromandat, galadarba l-ammont kawtelat gie depozitat. Il-fatt li dan kollu ma sarx ikompli jaghti ragun lill-esponenti illi hasset necessarju illi tikkawtela l-pretensjoni taghha bl-ghodda li taghtiha l-ligi.

***Talba ghar-Revoka: is-subartikolu (f)***

15. Fejn it-talba tirreferi ghat-talba ghat-tnehhija tal-mandat taht is-subartikolu (c) u/jew (e) tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, japplikaw is-sottomissjonijiet li saru hawn fuq. Fejn min-naha l-ohra t-talba hija taht is-subartikolu (f), jinghad hekk illi l-gurisprudenza tghallimna illi biex talba ghal revoka taht dan is-subartikolu tirnexxi, min jaghmilha jehtieg juri illi minn mindu nhareg il-mandat (f'dan il-kaz fit-18 ta' Dicembru 2018) sal-jum li fih qed issir din it-talba, ikunu nbiddlu c-cirkostanzi abbazi ta' liema l-mandat gie originarjament milqugh. Indikanti dan illi dawn l-istess subartikolu jitkellmu fuq *"jinzamm (...) ma huwiex aktar…"*. Evidenti in-necessita` tal-bdil fic-cirkostanzi.

16. Ara dwar dan: ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et (3 t'Awwissu 2001),*** fejn inghad dwar is-subartikolu (f) illi biex dan jiswa

bhala gustifikazzjoni, jehtieg illi "…*wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."* Il-Qorti (diversament presjeduta) kompliet tizviluppa l-argument fid-decizjoni fl-ismijiet ta' ***Matthew Grech vs Welcome Auto Dealer Ltd et (24 ta' Novembru 2016),*** u komplet tfisser illi biex talba ghal revoka ta' mandat taht is-subartikolu (f) tkun tista' tintlaqa', "*(e)ffettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli ab initio, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Sabiex isir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-mandat ghandhomx jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat."*

17. Tul ir-rikors odjern, ma ngabet l-ebda indikazzjoni illi nbidlu xi cirkostanzi li jiggustifikaw revoka taht is-subartikolu (f), u ghalhekk ukoll, it-talba tal-ezekutata f'dan is-sens ma tregix, u ma tistax lanqas tibda biex tigi kkunsidrata. Ifisser b'daqstant illi fejn si tratta di talba taht is-subartikoli (f), l-ezami ta' din l-Onorabbli Qorti f'din l-istanza jrid jieqaf hemmhekk.

***Il-Penali***

18. It-talba ghall-penali tal-ezekutata, fic-cirkostanzi odjerni, hija wahda li fl-umili fehma tal-esponenti ma tistax tintlaqa', ghaliex bl-ebda mod ma jista' jinghad illi l-esponenti abbuzat mill-procedura tal-mandati kawtelatorji, anke ghar-ragunijiet spjegati hawnhekk f'din in-nota meta l-esponenti kienet qed titkellem dwar hwejjeg differenti. Finalment, il-mandati kawtelatorju huma ghodda moghtija mil-ligi, u hadd ma ghandu jkun censurat milli jutilizzahom. Lil hinn minn dan, jinghad illi l-mandat mhux biss ghandu jibqa' fis-sehh, izda fl-aghar ipotezi, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, certament li ma jezistux l-estremitajiet li f'xi dinja jista' jaghtu lok ghall-imposizzjoni tal-penali skont il-ligi.

Ghaldaqstant, hija l-umili fejhma tal-esponenti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tal-ezekutata, bl-ispejjez kontriha."

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar 2019

Rat l-atti kollha tar-rikors kif ukoll l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 2042/18;

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum ghall-provvediment finali.

**Ikkunsidrat**

Illi flimkien mal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 2042/18, Charlette Ciantar ippreżentat kawża fejn permezz tagħha qed titlob lil din il-Qorti kif preseduta (a) tiddikjara u tiddeċiedi illi Dr. Katiucha Gatt Galea hija unikament responsabbli għall-mewt taż-żiemel 'Super Otto' u li dan seħħ minħabba imperizja u/jew negliġenza u/jew nuqqas ta' teħid ta' miżuri meħtieġa mill-istess veterinarja, u sabiex (b) tillikwida d-danni u spejjeż kollha inkluż spejjeż u qliegħ futuri u tordna l-ħlas tal-istess.

Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat fit-18 ta' Diċembru 2018, is-sekwestranta talbet li jiġi kawtelat l-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, disa' mija u wieħed u għoxrin ewro (€43,921) rappreżentanti d-danni minnha pretiżi fil-konfront tas-sekwestrata. Fl-istess jum ir-rikors ġie milqugħ u l-Qorti ordnat il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif mitlub.

Fit-8 ta' Jannar 2019, wieħed mill-Banek ewlenin f'Malta d-depożita taħt l-awtorità tal-Qorti l-ammont imsemmi fil-mandat.

Illi bis-saħħa tar-rikors in diżamina r-rikorrenti sekwestrata qiegħda titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2042/18 għas-segwenti raġunijiet:

i. illi hemm garanzija oħra xierqa li tissodisfa l-pretensjonijiet tal-konvenuta sekwestranta permezz tal-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà assiguratriċi Markel International Insurance Company Limited kif ukoll illi hemm garanzija oħra xierqa peress li s-sekwestrata għandha proprjetà f'isimha, u dan ai termini tal-Artikolu 836 (1) (ċ) u/jew (e) tal-Kapitolu 12;
ii. illi mhux raġonevoli li jibqa' fis-seħħ il-mandat ai termini tal-artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12.

Barra minn hekk is-sekwestrata qiegħda titlob li tiġi imposta penali kontra s-sekwestranti abbażi tal-Artikolu 836 (8).

Ikkunisdrat

Huwa paċifiku li fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. L-istħarriġ li hija obbligata tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa wieħed sommarju fuq bażi *prima facie* filwaqt li l-mertu jiġi analizzat u determinat fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-provvediment mogħti mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et** fl-10 ta' Mejju 2001:

"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[2]

[2] Ara **C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) deċiża fil-25 t'Awwissu 2014.

Jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, ċioe` li r-rikorrenti sekwestrata għandha bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. [3] Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. [4]

Ikkunsidrat

Illi l-**Artikolu 836 (1) (ċ), (e) u (f) tal-Kapitolu 12** jipprovdu s-segwenti:

(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

[...]

(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew

[...]

(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew

[3] **Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et** - Qorti tal-Kummerċ - 3 ta' Gunju 1994.

[4] **Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited** - Prim' Awla - 5 ta' Ġunju 2007.

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

***Artikolu 836 (1) (ċ) u (e) tal-Kapitolu 12***

Ikkunsidrat

Illi sabiex tintlaqa' t-talba għar-revoka tal-mandat kawtelatorju taħt l-Artikolu 836 (1) (ċ), ir-rikorrenti sekwestrata għandha turi li hemm garanzija xierqa oħra li tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju. L-Artikolu 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 jista' wkoll ikun ta' siwi għal min jitlob ir-revoka jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun waħda sodisfaċenti.

Illi l-pern ta' dawn iż-żewġ sub-inċiżi huma l-kliem 'xieraq' u 'biżżejjed'. B'din l-għażla ta' kliem il-leġislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat.[5]

Illi minn eżami tal-atti prodotti huwa evidenti li l-mandat li tiegħu qed tintalab ir-revoka laħaq l-iskop tiegħu u dan għaliex il-Bank sekwestratarju qabad l-ammont mitlub mill-kont bankarju tas-sekwestrata u ddepożitah taħt l-awtorita' tal-Qorti. Fl-eventwalita' li l-eżitu finali tal-kawża fil-mertu bejn il-partijiet ikun favur is-sekwestranta, din ser ikollha aċċess dirett u mingħajr xkiel għal fondi li bihom isarrfu l-eventwali kisba ta' titolu eżekuttiv kontra r-rikorrenti sekwestrata.

Illi l-garanzija alternattiva li qiegħda toffri s-sekwestrata hija polza ta' assigurazzjoni maħruġa minn Markel Insurance Company Limited[6], liema polza tkopri danni li jemanu minn sitwazzjonijiet bħal dawk odjerni. Tant

[5] **Stephen Magri et vs Emanuel sive Noel Magri** (Rik Rev Nru 27/2014 JZM) deċiż fis-6 ta' Novembru 2014.
[6] Kopja tal-Polza tinsab f'paġna 8 tal-proċess.

hu hekk, li s-sekwestrata ppreżentat ittra[7] kif ukoll korrispondenza elettornika[8] allegatament mibgħuta mis-soċjetà assiguratriċi fejn qed taċċerta li lesta tagħmel tajjeb għad-danni fl-eventwali kawża li l-assigurata tagħhom tiġi ordnata mill-Qorti sabiex tħallas: *'We as insurers intend to make good to pay any sums ordered by the court as damages should the plaintiff be successful in the proceedings and we will cover our insured's exposure, if any, at the end of the claim.'*

Illi l-Qorti trid tkun moralment konvinta li din il-garanzija hija fil-fatt xierqa u biżżejjed. Xejn ma jindika mill-provi mressqa mir-rikorrenti sekwestrata li l-polza t'assigurazzjoni hija xierqa. Għalkemm huwa minnu li ġiet ippreżentata korrispondenza li minnha qiegħed jintwerra li s-soċjetà assiguratriċi lesta li tagħmel tajjeb għad-danni, fil-fehma tal-Qorti tali korrispondenza ma tissodisfax dak li titlob il-ligi għaliex ma hiex garanzija xierqa fit-termini tas-sub inċiz (1) (ċ) tal-Artikolu 836 fuq ċitat.

Sabiex jingħad li teżisti garanzija xierqa jeħtieġ jintwera li tali garanzija tinstab fi ħdan il-persuna sekwestrata. Ingħad fil-fatt li '*Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor.'*[9]

It-tressiq fih innifsu ta' polza ta' assikurazzjoni bħala garanzija xierqa oħra għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi ma jwassalx, ġeneralment, għat-tħassir tal-Mandat, u dan għaliex il-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt bejn l-assikurat u l-assikuratur tiegħu, u ma toħloqx b'daqshekk biss jeddijiet favur il-kreditur tal-assikurat.[10]

---

[7] Paġna 26 tal-proċess.
[8] Paġna 27 tal-proċess.
[9] **Mary Rose Carbonaro vs Jesmond Carbonaro** (Rik Rev Nru 139/2004 JRM) deċiż fis-6 t'Awwissu 2014. Ara wkoll **John Zarb vs Port Cottonera Ltd** (Ċit Nru 883/2002 TM) deċiż fit-19 ta' Settembru 2002**.**
[10] **LK Limited Zebbug Malta (C-34234) vs Adrian Zammit** (Rik Nru 740/2010 JRM) deċiż fid-29 ta' Settembru 2010.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti sekwestrata fir-rikors tagħha tirreferri għall-fatt li hija sid tal-proprjetà tagħha bħal donnha qed tissuġerixxi li d-dar tagħha tista' wkoll tkun ta' garanzija. Nonostante din l-informazzjoni, l-istess sekwestrata naqset milli (a) tagħti informazzjoni fuq din il-proprjetà; (b) tipprova li hija ġid disponibbli u realiżżabbli biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tas-sekwestranti; u (ċ) milli tipproduċi kwalunkwe evidenza li din m'hijiex mgħobbija b'djun jew b'piżijiet li jagħtu preferenza lil terzi. Il-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretenzjonijiet tal-konvenuta sekwestranta jaqa' kompletament f'idejn r-rikorrenti sekwestrata.[11] Wara kollox kif ingħad fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd***[12] 'tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant'.

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq dawn il-kawżali ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat.

***Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12***

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti sekwestrata bbażat wkoll it-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat *de quo* fuq l-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12, li jistipola li mandat jiġi revokat jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Illi in tema legali ssir referenza għal dak ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili b'referenza speċifika għat-talba għar-revoka bbażata fuq is-sub-inċiż

[11] Ara ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et*** (Ċit Nru 746/2001 GC) deċiż fit-3 t'Awwissu 2001.
[12] Ċit Nru 1366/2002 TM deċiż fl-20 ta' Frar 2003.

(f) tal-Artikolu 836 (1), "Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."[13]

Illi ġie wkoll ritenut illi:-

"Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz."[14]

Illi fuq l-iskorta tal-insenjament fuq citat, il-Qorti tirritjeni illi sabiex tintlaqa' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju fuq id-dispost tal-Artikolu 836 (1) (f), għandu jirriżulta lill-Qorti li mandat li kien raġjonevoli jew ġustifikabbli *ab initio*, issa m'għadux meħtieġ. Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk meta tintalab ir-revoka tal-Mandat, għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat li kienu viġenti meta nħareġ l-istess Mandat.

[13] **Francis Spiteri v Charles Darmanin** (Rik Nru 571/2010 JRM) deċiż fil-25 t'Awwissu 2010.
[14] **Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)** (Rik Nru 688/2012 JRM) deċiż fl-10 ta` Awissu 2012. Ara wkoll **George Cassar pro et noe vs Emanuel Falzon et** (Rik Nru 741/2015 LSO) deċiż 22 ta` Ottubru 2015.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u wara li kkunsidrat li ma nġabet l-ebda prova li kien hemm bdil ta' ċirkostanzi wara l-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li *prima facie* ma tirriżulta l-ebda raġuni li twassalha sabiex tagħti sostenn lir-rikorrenti li titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru abbażi tas-sub-inċiż (f) tal-Artikolu 836 (1) u lanqas minħabba xi malizzja jew *mala fede* da parti tal-konvenuta sekwestranta. Is-sekwestranta kellha kull jedd bit-talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru, tikkawtela l-pretensjoni tagħha.

***Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12***

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti sekwestrata talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-sekwestranta tħallas il-massimu penali abbażi tal-Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12.

Illi s-sub-artikolu (8) jaqra hekk:

"(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju,

huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja".

Illi għandu jingħad li l-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tgħabbix o meno persuna b'piena ta' ħlas ta' penali. Magħdud ma' dan, sabiex tiġi imposta sanzjoni jeħtieġ jintwera għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi indikati fl-istess artikolu.[15] Il-penali maħsuba fis-sub-artikolu (8) huma ta' ordni pubblika intiża sabiex tiżgura s-serjeta fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż. B'danakollu, il-penali m'għandhomx ikunu imposti b'mod u manjiera li tnissel biżgħa fil-persuna li jeħtieġ tagħmel użu mill-mandat kawtelatorju.

Mill-qari tar-rikors ma jirriżultax li s-sekwestrata qiegħda tilmenta li ma ġietx intavolata l-proċedura appożita fi żmien stabbilit bil-liġi (pjuttost bil-kontra, u tindika li ġew intavolati proċeduri kontestwalment mal-Mandat ta' Sekwestru), lanqas ma jirriżulta li hemm xi formalità taħt is-sub-inċiż (b) li ma ġietx segwieta.

Illi s-sekwestrata ssostni li ċ-ċirkostanzi tagħha ma nbidlux, fis-sens illi hija għada qed tipprattika l-professjoni tagħha ta' veterinarju u taħdem b'mod regolari, u hija sid ta' proprjetà, li kollha juru għalhekk li huwa ferm diffiċli

[15] **Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983) vs Il-Bastiment 'MV Gulf City' (IMO: 8104553)** (Rik. Ġur. Nru 165/2016 LSO) deċiż fit-22 ta' Marzu 2016**.**

li tispiċċa fi stat li ma jkunx hemm fondi. Iżda bħal ma diġa ġie ritenut, ma tressqet l-ebda prova li tipprova l-likwidità tal-assi tagħha. Għalhekk l-anqas is-sub-inċiż (ċ) m'hija bażi ġustifikata għala għandha tiġi penalizzata s-sekwestranti.

Illi l-Qorti qieset ukoll fir-rigward tas-sub-inċiż (d) illi ma tressqu ebda provi jew argumenti tajbin biżżejjed f'dawn il-proċeduri biex juru li l-Mandat ħareġ vessatorjament, b'ħażen jew b'malizzja da parti tal-konvenuta sekwestranta. Il-Qorti timxi fuq il-massima li l-*buona fede* hija preżunta u li l-*mala fede* jrid jiġi ppruvat, u fil-każ odjern il-fatt li ġie ippreżentat mandat ta' sekwestru fi żmien il-festi u disgħa xhur wara l-ittra uffiċċjali, ma tarax li *prima facie* l-mandat kontra l-attriċi kien frivolu, vessatorju jew malizzjuż b'tali mod li għandu jwassal għas-sanzjoni tal-penali.

Għaldaqstant, ir-raba' talba tar-rikorrenti sekwestrata qed tiġi wkoll respinta.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta u tiddeċiedi r-rikors tas-27 ta' Diċembru 2018 billi,

1. Tilqa' l-objezzjonijiet imressqa mill-intimata bil-mod kif hawn deċiż,

2. Tiċħad ir-rikors ta' Dr Katiucha Gatt Galea tas-27 ta' Diċembru 2018.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**
21 ta' Frar 2019

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**
21 ta' Frar 2019